MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 22/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**MARIO SPITERI ta' sebgha w erbghin sena, bin John u Mikelina nee' Cassar, imwieled fit-tnejn [2] ta' Lulju 1959 u residenti 32, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 38559G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARIO SPITERI** ta' sebgha w erbghin sena, bin John u Mikelina nee' Cassar, imwieled fit-tnejn [2] ta' Lulju 1959 u residenti 32, Triq in-Narcis, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 38559G gie

mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin [24] ta’ Gunju, 2006 ghal habta tad-disgha w nofs ta’ filghaxija, fi Triq Mgarr, fix-Xewkija, Ghawdex:-

1. Ingurja, hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni ta’ Mark Spiteri u Anthony Gambin, persuni nkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, attakka jew ghamel reziztenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Mark Spiteri u Anthony Gambin, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-Awtorita kompetenti;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq l-imsemmija Mark Spiteri u Anthony Gambin, skond ma ccertifika Doctor Mario Saliba MD tal-isptar Generali ta’ Ghawdex;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, voluntarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, qal fil-pubbliku kliem indicenti w oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, hebb kontra l-persuna ta’ Mark Spiteri u Anthony Gambin sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jghamlilhom hsara;

7. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, imbotta lil Mark Spiteri u lil Anthony Gambin, sabiex iweggahhom jew jinsulenthom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 2006 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta’ Gunju 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed min jeddu b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal atti processwali fis-seduta tat-tnax ta’ Ottubru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Awissu 2006 **xehed s-Supretendent Paul Camilleri** [fol 22] fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2006, ghal habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta’ bil-lejl kien gie nfurmat minn Peter Mercieca fil-kapacita tieghu ta’ ufficjal inkarigat mic-Civil Protection ghal Ghawdex, li xi ftit tal-hin qabel kienet grat xi kollizzjoni u li fuq il-post kien hemm PS 369 Joseph Mizzi. Kien infurmat wkoll li Mark Spiteri u Anthony Gambin kienu gew aggrediti minn certu Mario Spiteri li kien bil-karozza tieghu u kien involut fl-istess incident. Mark Spiteri u Anthony Gambin kienu ttiehdu l-isptar generali ta’ Ghawdex fejn wara li gew medicament ezaminati minn Doctor Mario Saliba, dan iccerfika li Mark Spiteri u Anthony Gambin kienu qed isofru minn griehi ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet u wara ntbaghtu lura d-dar.

Ix-xhud kompla jghid li meta tkellem ma Mario Spiteri, dan qallu li kien qed jilmenta li kellu xi hgieg f’ghajnejh minhabba li fl-impatt kienet tkissret il-mera tal-karozza u xi hgieg tar f’ghajnejh.

Qal li aktar tard Mario Spiteri kien mar l-ghassa fuq talba tieghu u wara li tah s-solita twissija dan irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita fl-atti bhala dokument CSH 5 [fol 18]. F'din l-istqarrija Mario Spiteri kien allega li Mark Spiteri u Anthony Gambin kienu ghaddejjin fuq n-naha l-ohra tal-karreggjata u hu habat maghhom pero kien ammetta mieghu li kien ghamel ghalihom. Hu ma kienx ammetta mieghu li kien kellimhom hazin pero kien ammetta li kien ghajjarhom li qed jiggennu. Qal li meta staqsih jekk kien ghamel ghalihom u heddidhom, dan kien qal xi haga fis-sens li kienu ser joqtluh bid-daqqa u qalilhom '*qed tiggennu, ghax kontu ser toqtluni*'. Zied jghid li meta staqsih jekk kienx ghajjarhom u anke sawwathom, hu kien irrisponda '*jista jkun x'hin ghajjarni li qed niggennen*'.

In kontr'ezami x-xhud qal li mhux minnu li Mario Spiteri gie mibghut direttament Malta b'ambulanza, fil-fatt meta gie rilaxxjat mill-isptar, kien mar l-ghassa w irrilaxxja stqarrija wara li hu qallu li kien ser izommu biex iressqu b'arrest l-ghada. Qal li kien minnu li hu kellu xi ugigh meta kien mizmum l-ghassa u haduh l-isptar u mill-isptar haduh Malta bil-*helicopter*.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 **xehed PS 369 Joseph Mizzi** [fol 24] fejn qal li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006, kien hemm habta fi Triq l-Imgarr x-Xewkija bejn is-sewwieq ta' *fire engine* li ghandu n-numru ta' registrazzjni GVH 473 w s-sewwieq ta' taxi bin-numru ta' registrazzjoni LWY 227. Qal li fuq il-*fire engine* ma kienx hemm hsarat salv li sab madwar pulzier zebgha mqaxxra fuq in-naha tal-lemin tal-*mudguard* ta' wara taghha. Ghar-rigward t-taxi, ix-xhud qal li kellha barxa fonda fuq il-*mudguard* ta' quddiem, hsara fuq il-bieba ta' quddiem tax-xufier, il-mera tan-naha tax-xufier imqaccta, il-*chrome* ta' mal-bieba ta' quddiem, u ta' wara kien nieqes. Qal li hu tkellem max-xufier tat-taxi li hu l-imputat odjern presenti fl-awla li qallu li kien niezel dritt fi Triq l-Imgarr lejn r-Rabat, fuq l-linja tieghu, meta kien hemm *fire engine* li kienet ser tidhol ghal go ghalqa. Ix-xhud qal li x-xufier tat-taxi qallu wkoll li l-*fire engine* dahlet fil-linja tieghu qabel ma kienet ser tidhol fl-ghalqa. Qallu li hu kien niezel bil-mod, bil-qlib. Mistoqsi jekk innutax jekk l-*fire engine* kellhiex dawl

indikatur tax-xellug jixghel, ix-xhud wiegeb li ma nnutax dan.

Ix-xhud kompla jghid li meta tkellem ma Mark Spiteri, li kien xufier tal-*fire engine*, dan qallu li x'hin saret l-habta, waqfu. Qallu li wara li kienu gejjin lura lejn l-istazzjon, u kienu qabzu l-*lights* tax-Xewkija, ra karozza gejja mid-direzzjoni opposta f'nofs is-sinjal abjad fit-triq u ghalhekk hu gibed lejn x-xellug biex jevita l-habta izda xorta sar l-impatt. Marco Spiteri qallu wkoll li dak l-hin, ghalkemm ma kellux s-sirena mixghula, kellu l-*beacon lights* bl-ikhal mixghul. Qallu wkoll li waqaf filwaqt li hu u siehbu Anthony Gambin, nizlu jaraw x'kien gara. Mark Spiteri qallu wkoll li hemm raw Mercedes tirriversja u ghalhekk marru jkellmu lix-xufier taghha biex jaraw jekk kienx gralu xi haga. Qallu li dak l-hin, ix-xufier tal-Mercedes u cioe l-imputat, qallu xi kliem fis-sens li ma kienx jaf isuq u hu wiegbu '*qed tghid hekk wara li ppruvajt nevitak !*' u hareg mill-Mercedes u habat ghalih u tah anke bil-ponn.

Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza li ha in konnessjoni ma dan l-incident li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 26]. Qal li lilu rrizultalu li l-imputat kien taha bil-ponn lil Mark Spiteri u lil Anthony Gambin tant li qalilhom biex imorru l-isptar u jipproducu certifikat mediku u fil-fatt marru bl-ambulanza. Zied jghid li l-imputat wkoll spicca ferut pero xorta mar l-ghassa u hadulu stqarrija u anke gie arrestat. Qal li kien jaf li matul l-lejl li kien arrestat, l-imputat ittiehed Malta permezz ta' *helicopter* peress li kellu ugiegh f'ghajnejh. Ix-xhud ikkonferma li qabel ma ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, hu nghata s-solita twissija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tas-Supretendent Paul Camilleri kif wkoll tal-imputat fuq kull faccata tal-istqarrija dokument CSH 5 a fol 18 tal-atti. Mistoqsi jekk ikkonfrontax lil imputat bl-allegazzjoni li qalulu Mark Spiteri u Anthony Gambin, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk Mark Spiteri u Anthony Gambin kienux qalulu li l-imputat kien sawwathom, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li hu pero ma kienx xhud okulari tal-incident.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 **xehed Doctor Mario Saliba** [fol 31] fejn ikkonferma li c-certifikat esibit fl-

atti bhala dokument CSH 3 [fol 16] datata erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2006, fil-konfront ta’ Mark Victor Spiteri gie rilaxxjat minnu. Ikkonferma wkoll li c-certifikat markat bhala dokument CSH 4 [fol 17] fil-konfront ta’ Anthony Gambin, wkoll datat erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2006 gie rilaxxjat minnu. Qal li l-dwar Mark Victor Spiteri dan ma kellux marki fuaq idu x-xellugija pero waqt li kien qed jezaminah, Mark Spiteri qallu li kellu ugiegh fiha. Qal li hu ezamina wkoll lil imputat presenti fl-awla. Cahad dak suggerit mid-difiza li l-imputat kellu xi frak tal-hgieg f’ghajnejh. Qal li fil-fatt hekk kien haseb u ghalhekk baghtu l-isptar San Luqa bil-lejl bil-*helicopter* w ambulanza biex jarah specjalista tal-ghajnejn w irrizulta li fil-fatt ma kellu xejn f’ghajnejh.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Awissu 2006 **xehed Mark Spiteri** [fol 33] fejn qal li hu jahdem bhala *assistant rescue officer* mal-Protezzjoni Civili. Qal li nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2006, ghal xi d-disgha w nofs ta’ filghaxija, kienu nvoluti f’incident fi Triq l-Imgarr, x-Xewkija, mal-imputat presenti fl-awla. Qal li l-karozza tal-imputat kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Qal li wara l-incident, nizel mit-*truck* biex jara x’gara u sadanitant l-imputat regga’ lura u waqaf bi dritt t-*truck* taghhom. Kompla jghid li hu u siehbu, Anthony Gambin marru jkellmu lil imputat biex jaraw jekk kellux bzonn xi haga u qalilhom li ma kellu bzonn xejn u l-imputat qallu ‘*ghoddok qtiltni*’ u hu [ix-xhud] irrispondih ‘*minflok, iffrankajtilek ghax gbidt t-truck ghal gemb*’. Kompla jghid li sadanitant l-imputat fetah il-bieba tal-karozza u hu haseb li kien ser javvicinah biex ikellmu, pero hekk kif hareg, beda jimbuttah u jaghti bil-ponn fuq spalltu x-xellugija. Qal li hu inhasad ghax ma basarx li ser jghamillu hekk u beda jimbuttah lura biex ma jmissux. Qal li sadanitant mar ragel pajzan fuq il-post.

Mistoqsi jekk kienx hemm kliem oxxen jew offensiv, x-xhud wiegeb li ma kien hemm xejn minn dan u ma kienx jaf jekk l-imputat minn naha tieghu qalx xi kliem simili. Qal pero li meta l-imputat hareg mill-karozza sema’ xi dagha. Qal li hu beda jghid lil imputat ‘*l-affarijiet mhux hekk, bir-*

*raguni, mhux bil-glied*'. Qal li hu resaq lura biex l-imputat ma jmissux. Qal li hu kien is-sewwieq tat-*truck*.

Ix-xhud qal li hu kien lest li jahfer lil imputat talli refa' idejh fuqu jekk jitolbu skuza ghaliex hu jafu bhala persuna kwieta. Qal li ma jiftakarx li sema xi kliem bhal 'mignun' jew kliem simili. Qal li hu ma kienx il-hin kollu hdejn siehbu Anthony Gambin, ghalkemm kien fil-qrib, w ghalhekk ma setghax jeskludi intqalx dan l-kliem fil-konfront ta' siehbu Anthony Gambin.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 **xehed Anthony Gambin** [fol 35] fejn qal li hu jahdem mac-Civil Protection. Hu ikkonferma li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal xi d-disgha w nofs ta' bil-lejl, waqt li kien riekeb ma siehbu Mark Spiteri fit-*truck* tal-protezzjoni civili, fi Triq l-Imgarr, x-Xewkija, kienu nvoluti f'incident. Qal li jaf li wara li sehh l-incident hargu mit-*truck* kemm hu kif wkoll siehbu Mark Spiteri. Qal li meta nizlu mit-*truck*, is-sewwieq tat-taxi, l-imputat odjern, irriversja u spicca ma gembhom. Qal li marru jkellmuh u siehbu Mark staqsih jekk kienx gralu xi haga u siehbu Mark qal lil imputat '*int hekk issuq!*' u l-imputat irrispondih '*hekk issuq, kont ghodok kissirtni.*'

Ix-xhud kompla jghid li wara l-imputat hareg mill-karozza u beda jargumenta maghhom u beda jaghti lil siehbu bil-ponn u jghajjarhom u joffendihom. Qal li lil siehbu beda jghajjru 'xadin' waqt li jaghtih bil-ponn fuq idejh x-xellugija. Qal li hu pprova jikkalma lil imputat pero dan beda jimbotta u anke pprova jaghti lilu wkoll w ghalhekk resaq lura ghaliex beza' u mar lura hdejn t-*truck*. Zied jghid li wara xi ghaxar minuti resaq ragel hdejn l-imputat u l-imputat beda jghidlu '*hux tort taghhom*' u dan qallu biex lilu ma jkellmu xejn. Qal li waqt l-argument l-imputat tah daqqa go wiccu b'idu miftuha u ghalhekk qabad u resaq lil hinn. Qal li wara l-imghallem tieghu, Peter Mercieca, cempel ghal ambulanza u haduhom t-tnejn l-isptar fejn gie rilaxxjat certifikat fil-konfront tieghu u ta' siehbu Mark Spiteri. Qal li hu jiftakar li semgha lil imputat jghajjar lil siehbu Mark Spiteri 'xadin'. Qal li la hu u lanqas siehbu Mark Spiteri ma refghu idejhom fuq l-imputat. Qal wkoll li

kien lest li jahfer lil imputat dment li ma jkollu x'jaqsam xejn mieghu.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 **xehed Peter Mercieca** [fol 37] fejn qal li hu jahdem bhala *station officer* fil-Protezzjoni Civili f'Ghawdex. Qal li Mark Spiteri u Anthony Gambin huma zewg haddiema mal-istess Protezzjoni Civili u stazzjonati t-tnejn Ghawdex.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006 **xehed Christopher Galea** [fol 38] fejn qal li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal xi d-disgha w nofs ta' bil-lejl hu kien ghaddej b'karozza sejjer lejn x-Xewkija fid-direzzjoni tar-Rabat. Qal li mieghu kien hemm xi anzjani rekbin. Qal li xi hin fid-direzzjoni opposta tat-triq ra *fire engine* tal-Protezzjoni Civili wieqfa u ftit aktar 'l quddiem kien hemm, fl-istess karreggjata, Mercedes bajda ipparkjata fil-gemb. Qal li kien hemm diversi karozzi weqfin wkoll. Qal li hu ra lil imputat li gharaf presenti fl-awla, jghajjat '*x'ghamiltuli… x'ghamiltuli…*' u xi kliem mhux xieraq lil membri tal-Protezzjoni Civili. Qal li hu induna li kien hemm xi kollizzjoni peress li ra lil istess membri tal-Protezzjoni Civili jduru mal-karozza biex jiccekkjawha. Qal li sa dan il-hin, Mark kien f'nofs t-triq ixejjer idejh. Zied jghid li kien hemm wkoll persuna ohra li ppruvat izzommu ghaliex fil-fehma tieghu '*he was losing control*' pero f'hin minnhom zgicca u ta daqqa lil wiehed minn tal-Protezzjoni Civili f'wiccu. Qal li dan tal-ahhar intefa' lura mal-*fire engine*. Mistoqsi jekk kienx bil-ponn li taha, x-xhud wiegeb li kien difficli li jarah, pero jaf li laqtu. Qal li fil-fehma tieghu, dan intefa' lura bid-daqqa li qala.

Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 41] fejn qal li dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006, hu kien niezel 'l isfel sejjer d-dar, meta giet *fire engine* u habtet mieghu fi Triq l-Imgarr, x-Xewkija u baqghet miexja. Qal li lanqas induna li kien laqtu. Kompla jghid li hu nizel mill-karozza, mar fuq s-sewwieq tal-*fire engine* u qallu '*taf li int ilqattni w ghandi hgiega miksura f'ghajnejja*' u cioe li kellu l-frak tal-hgieg f'ghajnejh. Qal li s-sewwieq irrispondih '*mela int qed tiggennen*' u hu dar fuqu u qallu '*ara mhux niggennen,*

*harsu lejn l-karozza*'. Qal li sadanitant gew t-tnejn fuqu u hubeda jimbutthom u laqathom xi ftit. Qal li wara ftit t-tnejn telqu bil-*fire engine* lejn l-poliklinika. Qal li hu mbutthom minn spallejhom. Qal li l-karozza tieghu tal-ghamla Mercedes kienet gdida u li bhala hsarat vizibbli kien hemm mal-*bumper* ta' quddiem mghawweg, il-bieba tan-naha tax-xufier imdahhla 'l gewwa, l-hgiega tal-mera nkisret u giet f'wiccu. Qal li effettivament kellu jmur Malta biex inehhulu l-hgieg minn ghajnejh.

Cahad dak li gie suggerit mill-prosekuzzjoni li tas-Civil Protection qalulu '*mela inti mignun*' ghaliex hareg ghas-sewwieq tal-*fire engine*. Cahad wkoll li sawwat lix-xufier tal-*fire engine* tant li lanqas irtira mix-xoghol u baqa ghaddej b'xogholu. Qal li kien jafu peress li waqt li kien barra l-ghassa, rah gej bil-*fire engine*. Qal li dakinhar hu kien qed isuqha waqt li kien l-ghassa. Cahad li s-sewwieq jew siehbu qalulu '*lili tghidli xejn*' u hu qabad jaghtihom ghaliex hu imbotta biss. Qal li fil-fatt huma qalulu li kienu lesti li jahfrulu. Cahad wkoll dak allegat mill-prosekuzzjoni li hu waqaf jaghtihom meta marret persuna ohra li tigi minnu u waqfitu. Qal li hu ghadu ma thallasx tal-ispejjes fil-karozza tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi dan huwa incident zghir li ma messu qatt inqala u ma hemmx dubbju li dan inqala ghaliex l-imputat kien irrabbjat li s-sewwieq tal-*fire engine* dahal go fih u laqatlu l-vettura gdida tieghu tal-ghamla Mercedes u kkagunalha diversi hsarat.

Ma hemmx dubbju li l-imputat kien fi stat t'agitazzjoni u kif jghid x-xhud okulari w indipendenti, Christopher Galea fix-xhieda tal-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006, l-imputat '*was losing control*' u kien f'dan il-hin li sgicca u taha daqqa lil Anthony Gambin. Kemm Anthony Gambin kif wkoll Mark Spiteri jghidu li l-imputat kien aggessiv maghhom, li ngjurhom u qalilhom kliem mhux xieraq w offensiv, pero dan nonostante, kienu lesti li jahfrulu ghal dak li ghamlilhom.

Illi l-imputat xehed u fil-fatt qal li verament nizel mill-karozza tieghu wara l-habta u beda jimbotta lil Anthony Gambin u lil Mark Spiteri meta allegatament indirizzawh bil-kelma ‘mignun’. Dan pero kemm Anthony Gambin kif wkoll Mark Spiteri u x-xhud indipendenti w okulari Christopher Galea jichduh.

Illi fid-dawl tas-suespost, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 95, 96(1), 221(1), 338(dd), 338(bb), 339(d) u 339(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARIO SPITERI hati tal-ewwel [1], t-tieni [2], r-raba [4] w il-hames [5] akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ mitt [100] lira maltin filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fir-rigward tat-tlielet [3], tas-sitt [6] u tas-sebgha [7] akkuza stante rinunzja da parti ta’ Anthony Gambin u Mark Spiteri fil-konfront tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------